# TAGHRIFA

## F'ĠIEH IL-ĦAQQ U S-SEWWA

Fil-perijodiku li joħroġ kull xahar bl-isem ta' "Lucerna" 1939 faċċ. 49 hemm tagħrifa żgħira fuq l-artiklu *Il-kewkba tas-Saħrin* li deher f'dan il-qari, Diċ. 1938, faċċ. 135. Fost ħwejjeġ oħra hemm miktub: "Le rettifiche e ritrattazioni della Direzione del periodico sono poco soddisfacenti". Dan il-kliem jista' jħasseb ħażin, għaliex jista' jiftiehem li d-Direzzjoni kellha u għandha fehmiet ħżiena fuq tagħlim tal-Knisja. Tagħrifa oħra dehret fi żmien wieħed f'*Leħen is-Seuua.* Il-ġieh ħadd ma għandu ebda jedd fuqu ħlief sidu, għalhekk irrid inxandar tagħrif biex infarfar minn fuq ismi t-trab li jista' jittajjar minn dak li kitbu dawk iż-żewġ ġurnali.

Jiena hu l-editur ta' *Leħen il-Malti,* imma meta nkun mgħobbi bix-xogħol, meta nkun imsiefer jew meta nkun marid, ittmexxija nħalliha f'idejn ħaddieħor, l-ewwel f'idejn il-Professur Ġ. Aquilina u mbagħad, meta dan siefer, f'idejn is-Sur Ġużè Chetcuti. Dawn iż-żgħażagħ magħrufin it-tnejn fil-kitba letterarja tal-Malti u dan kien bizzejjed għalija biex nerħilhom dan ix-xogħol; tagħlim ta' teoloġija mhux meħtieġ biex tmexxi rivista letterarja b'xi żewġ poeżijiet u xi novella. Għalhekk xi drabi l-kitba li tinbagħat għal *Leħen il-Malti* ma tgħaddix minn idejja, u hekk dak l-artiklu daħal bla ma rajtu.

Malli ħareġ il-għadd ta' Diċembru ta' *Leħen il-Malti* u tajtu daqqa ta' għajn u qrajt l-artiklu *Il-kewkba tas-Saħrin,* ħassejtni milqut minn sajjetta, għaliex sibt fih fehmiet li huma kontra t-tagħlim tiegħi fil-klassi. Nisfida l-istudenti tiegħi kollha jekk qatt semgħu minn fommi nofs ta' kelma li tersaq lejn il-fehmiet tal-kittieb ta' dak l-artiklu. Minnufih ktibt tagħrifa kontra dak l-artiklu għan-numru ta' Jannar. Imma f'dik it-tagħrifa ma ridtx nidħol f'irqaqat biex ma nħabbel moħħ ta' ħadd, il-aktar fuq xi ħwejjeġ li fuqhom il-għorrief kattoliċi ma jaqblux bejniethom.

Għaddew ġimagħtejn jew tlieta; kienet bdiet l-iskola wara l-btajjel tal-Milied, u sabni Mons. E. Galea, Segretarju tal-Isqof, u semmieli annom tal-Vigarju dak l-artiklu. Għarraftu li għandi miktuba tagħrifa kontra tiegħu. Inżid ingħid li hu nebbaħni biex inżid il-kelmiet "il-fehma li taqbel mat-tagħlim tal-Knisja." Xi jiem wara kitibli li aħjar nikteb ftit fit-tul,

u jien weġibtu li n-numru ta' Jannar lest, imma fin-numru ta' Frar jien lest biex nagħti tagħrif fit-tul fuq dawk il-punti li jsemmuli. Wara li ħareġ il-għadd ta' Jannar b'dik it-tagħrifa, faċċ. 147, ħadd ma qalli xejn iżjed. Lil Mons. E. Galea fissirtlu l-għala ktibt tagħrifa qasira, u żidt ingħidlu li jekk jeħtieġ tagħrif aktar fit-tul jien lest biex nagħtih. Imma, nerġa' ngħid, mill-Kurja ma waslitli l-ebda kelma oħra. Minn dan għandi nifhem li t-tagħrif li tajt kien biżżejjed, u għalhekk "Lucerna" ma kellha ebda jedd tgħid li "le rettifiche sono poco soddisfacenti." Ħaġa oħra: il-kittieb ta' dak l-artiklu irritratta ruħu milli kiteb għax kien mitlub minni, u minni biss.

Iżjed: ma jidhirlix li hu sewwa tgħid li artiklu hu ħażin bla ma tgħid fejn u l-għala hu ħażin. Il-ħażin jaħtieġ li turih sewwa, inkella aktar tħabbel milli ddawwal il-moħħ tal-qarrejja. Lucerna qalet biss li l-artiklu "contiene parecchie idee erronee". Liema huma? Ma nafux. Qiegħda tistenna l-kitba ta' "un dotto religioso" biex tgħarraf sewwa l-qarrejja. Imma għalfejn dan kollu meta jien stess urejt lis-segretarju tal-Isqof li jien lest biex nagħti kull tagħrif li nkun mitlub?

Fl-aħħar nett irrid inżid li jien kont l-ewwel wieħed li ħabbart l-iżbalji ta' dak l-artiklu. 'Leħen is-Seuua' u 'Lucerna' tkellmu WARA li tkellimt jien, u xahar u nofs jew xahrejn WARA li deher l-artiklu f'Leħen il-Malti. Għaliex dan id-dewmien kollu? Leħen is-Sewwa joħroġ kulljum, u Lucerna setgħet tkellmet fin-numru ta' Jannar. Min hu mejjet għalfejn terġa' toqtlu? Oqtol il-ħaj. L-artiklu ta' L. Cutajar qtiltu jien meta kien għadu ħaj; ħaddieħor qatel il-maqtul.

Dawn il-kelmiet huma miktubin bla ebda spirtu ta' ġlied, imma bil-ħsieb biss li nħares ġieħi minn kull għajb. Ġieħi hu tiegħi u ħadd ma għandu jedd fuqu, u għalhekk hu dmiri li niddefendih minn kull ma jista' jdennsu jew igħabbru.

P. P. Saydon